MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2010

Numru. 929/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**John Bonnici ta' 62 sena imwieled Hal-Lija, nhar id-29 ta' Gunju, 1948 bin Paul u Francesca nee` Fenech residenti gewwa 'Marvic', Flt 1, Triq l-Imdina, Attard. Detentur tal-Karta tal-Identita Nru 578448(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anthony Bonnici li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju 2009 u fil-gurnata ta' qabel fil-pjazza tal-knisja, fi Triq Tommaso Dingli, Attard, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-Balavostri taz-zuntier tal-Knisja, liema

hsara ma kienitx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u sebgha u erbghin centezmu (1,164.69), imma kienet izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fedina penali ta' l-imputat li mhix xi wahda allarmanti. Intoltre l-Qorti ser tqis il-mottiv wara dan ir-reat u l-fatt illi l-imputat ma ghamilx hsara b'xi mod kapriccjuz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hames (5) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas is-somma ta'

tlett mija u hamsin euro (€350) bhala danni lill-Kunsill Lokali ta’ H’Attard u dana fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------